Il-Kunsill tal-
Unjoni Ewropea

**Brussell, it-23 ta' Jannar 2020**
**(OR. en)**

**5291/20**

**COPEN 9**
**JAI 25**
**EUROJUST 5**
**EJN 5**

**NOTA**

Mingħand: Is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

Lil: Id-Delegazzjonijiet

Nru tad-dok. preċ.: 13775/19

Suġġett: Id-Direttiva 2014/41/UE tat-3 ta' April 2014 dwar l-Ordni ta' Investigazzjoni Ewropew f'materji kriminali

– Linji gwida u verżjoni pdf li tista' tiġi editjata tal-formoli annessi mad-Direttiva

Fil-laqgħa tiegħu tal-11 ta' Diċembru 2019, il-Grupp ta' Ħidma COPEN laħaq qbil dwar il-linji gwida u l-verżjonijiet pdf li jistgħu jiġu editjati tal-formoli annessi mad-Direttiva 2014/41/UE dwar l-Ordni ta' Investigazzjoni Ewropew f'materji kriminali.

It-testi kif maqbula jinsabu fl-Anness I (linji gwida) u fl-Annessi II, III u IV (verżjonijiet pdf li jistgħu jiġu editjati).

Kif stabbilit fl-eżitu tal-proċedimenti tal-laqgħa msemmija iktar 'il fuq (15255/19, il-punt 2), l-Istati Membri ngħataw il-parir li jinfurmaw lill-awtoritajiet kompetenti tagħhom b'dawn il-linji gwida u bil-formoli li jistgħu jiġu editjati, u biex iħeġġu l-użu tagħhom, kemm fil-prattika kif ukoll matul kwalunkwe attività ta' tagħlim rilevanti.

In-Netwerk Ġudizzjarju Ewropew se jtella' l-linji gwida u l-formoli fuq is-sit web tiegħu.

ANNESS I

# MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

**GĦALL-**

**VERŻJONI ELETTRONIKA TAL-FORMOLI ANNESSI TAD-DIRETTIVA 2014/41/UE DWAR L-ORDNI TA' INVESTIGAZZJONI EWROPEW F'MATERJI KRIMINALI U L-LINJI GWIDA DWAR KIF GĦANDHA TIMTELA L-FORMOLA TAL-ORDNI TA' INVESTIGAZZJONI EWROPEW**

## I. Id-Direttiva u l-formoli

Id-Direttiva 2014/41/UE dwar l-Ordni ta' Investigazzjoni Ewropew f'materji kriminali[1] (id-Direttiva) tittratta l-ġbir u t-trasferiment ta' provi, inklużi l-provi elettroniċi, fl-Unjoni.

Id-Direttiva hija bbażata fuq il-prinċipju tar-rikonoxximent reċiproku ta' sentenzi u deċiżjonijiet ġudizzjarji u tippermetti li awtorità ġudizzjarja fi Stat Membru ("l-awtorità emittenti") titlob li jitwettqu miżuri investigattivi speċifiċi minn awtorità fi Stat Membru ieħor ("l-awtorità ta' eżekuzzjoni") biex jinkisbu l-provi.

Id-Direttiva bdiet tapplika mit-22 ta' Mejju 2017 u l-Istati Membri parteċipanti kollha kkomunikaw il-miżuri ta' traspożizzjoni. Hija aġġornat l-qafas legali għall-ġbir u t-trasferiment tal-provi bejn l-Istati Membri. B'mod partikolari, hija ħadet post il-Konvenzjoni dwar l-Assistenza Reċiproka f'Materji Kriminali bejn l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea[2], li tistabbilixxi l-kundizzjonijiet għall-assistenza legali reċiproka.

Hija tipprovdi t-tliet formoli standardizzati li ġejjin biex tiffaċilita l-eżekuzzjoni (stabbilita fl-annessi tad-Direttiva):

- L-Ordni ta' Investigazzjoni Ewropew (OIE), fl-Anness A;
- KONFERMA TA' RIĊEZZJONI TA' OIE, fl-ANNESS B; u
- Notifika ta' interċettazzjoni ta' telekomunikazzjonijiet mingħajr assistenza teknika, fl-Anness C.

Meta tipprova jkollha miżuri investigattivi mwettqa fi Stat Membru ieħor, l-awtorità emittenti trid *tittrażmetti l-OIE fil-forma stabbilita fl-Anness A* tad-Direttiva. Jenħtieġ li l-OIE jkun fih l-informazzjoni rilevanti kollha li tippermetti lill-Istat ta' eżekuzzjoni jirrikonoxxiha u jeżegwiha. Id-Direttiva tirrikjedi li l-OIE jiġi tradott fil-lingwa uffiċjali tal-Istat ta' eżekuzzjoni jew fi kwalunkwe lingwa oħra, indikata mill-Istat ta' eżekuzzjoni (l-Artikolu 5(3) tad-Direttiva).

[1] Id-Direttiva 2014/41/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 dwar l-ordni ta' investigazzjoni ewropew f'materji kriminali, ĠU L 130, p.1.

[2] L-Att tal-Kunsill tad-29 ta' Mejju 2000li jistabbilixxi skont l-Artikolu 34 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea l-Konvenzjoni dwar l-Assistenza Reċiproka f'Materji Kriminali bejn l-Istati Membri fl-Unjoni Ewropea.

L-awtorità ta' eżekuzzjoni, li tirċievi l-OIE, fi żmien ġimgħa minn meta tirċievi l-OIE, trid timla u *tibgħat il-konferma tar-riċezzjoni ta' OIE*, kif stabbilit fl-Anness B (l-Artikolu 16(1) tad-Direttiva).

Meta l-interċettazzjoni ta' telekomunikazzjonijiet tkun awtorizzata mill-awtorità kompetenti ta' Stat Membru (l-"Istat Membru ta' interċettazzjoni") u s-suġġett tal-interċettazzjoni jkun jinsab fi Stat Membru ieħor (l-"Istat Membru notifikat") li ma tkun meħtieġa l-ebda assistenza teknika mingħandu biex titwettaq l-interċettazzjoni, l-Istat Membru ta' interċettazzjoni jrid *jinnotifika lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru notifikat bl-interċettazzjoni billi tintuża l-formola stabbilita fl-Anness C* (l-Artikolu 31(2) tad-Direttiva).

## II. Kuntest

Il-Kunsill, fil-Konklużjonijiet tiegħu ta' Ġunju 2016 dwar it-titjib tal-ġustizzja kriminali fiċ-ċiberspazju[3] appella lill-Kummissjoni Ewropea biex tikkunsidra u tagħmel rakkomandazzjonijiet dwar kif jiġu adattati, meta jkun xieraq, il-formoli u l-proċeduri standardizzati eżistenti biex jintalbu t-teħid u l-ksib ta' provi elettroniċi.

Wara t-talba tal-Kunsill, il-Kummissjoni Ewropea waqqfet grupp *ad hoc* ta' esperti ta' rappreżentanti tal-Eurojust, tan-Netwerk Ġudizzjarju Ewropew u tan-Netwerk Ġudizzjarju Ewropew kontra ċ-Ċiberkriminalità, li l-objettiv tiegħu kien li jaħdem fuq:

i) verżjoni elettronika iktar faċli għall-utent tal-formoli annessi mad-Direttiva; u

ii) gwida prattika għall-prattikanti dwar kif timla l-formola tal-OIE.

Saru tliet laqgħat tal-esperti — fl-1 ta' Marzu 2017, fil-21 ta' Marzu 2017 u fl-20 ta' April 2017 — fil-bini tad-DĠ JUST. L-esperti involuti abbozzaw is-sentenzi/paragrafi predefiniti li jridu jiġu inklużi fil-verżjoni elettronika tal-formoli, meta jkun possibbli u meħtieġ, kif ukoll il-gwida prattika għall-mili tal-formola tal-OIE. Fuq din il-bażi, ġew żviluppati verżjonijiet elettroniċi tal-formoli, li jipprovdu scroll-down menus predefiniti addizzjonali li jistgħu jidhru u jintgħażlu fuq l-iskrin tal-kompjuter, iżda ma jkunux jidhru wara l-istampar fil-verżjoni stampata, sakemm ma jkunux immarkati u mimlija. Dawn il-menus predefiniti, pereżempju, jinkludu lista tal-aktar miżuri investigattivi "tradizzjonali" komuni għall-ġbir tal-provi. Din il-verżjoni tinkludi wkoll funzjonalità li timla formola waħda għall-persuni kollha kkonċernati mill-miżura investigattiva (it-Taqsima E tal-formola tal-OIE). Fl-aħħar nett, il-verżjoni elettronika tipprovdi indikazzjoni tal-oqsma li jridu jimtlew (mixgħula bl-aħmar) u tfakkiriet biex timla l-oqsma kollha meħtieġa u tiffirma l-formola, u dawn jidhru qabel l-istampar.

Dan il-Memorandum flimkien mal-linji gwida mehmuża għandhom l-għan li jispjegaw r-raġunament wara l-ħolqien tal-verżjoni elettronika tal-formoli u li jiddeskrivu fid-dettall kif timtela l-formola tal-OIE. Jenħtieġ li dan il-memorandum jassisti lill-prattikanti japplikaw il-formoli b'mod korrett fil-ħidma tagħhom ta' kuljum.

---

[3] Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-titjib tal-ġustizzja kriminali fiċ-ċiberspazju, ST 9579/16

Il-punt tat-tluq għall-abbozzar kien li l-formoli nfushom ma jiġux modifikati, minħabba li huma parti mill-att leġiżlattiv. L-approċċ magħżul mill-grupp ta' esperti huwa bbażat fuq il-loġika interna ta' dawn il-formoli, li tippermetti l-inklużjoni ta' sett ta' alternattivi predefiniti meta jkun possibbli li jsir test liberu. Kif spjegat hawn fuq, l-alternattivi miżjuda ma jidhrux wara l-istampar, sakemm ma jintgħażlux, u għalhekk ma jemendawx il-formoli, iżda jiffaċilitaw biss il-proċess tal-mili u t-traduzzjoni tagħhom. Il-ħidma saret b'attenzjoni partikolari għall-informazzjoni meħtieġa biex l-eżekuzzjoni tirnexxi, inkluż billi tibni fuq l-esperjenza miksuba f'ħafna snin ta' xogħol prattiku fuq assistenza legali reċiproka.

Il-mili ta' dawn il-formoli standardizzati, li ġew adottati fit-3 ta' April 2014 (fl-Annessi tad-Direttiva), u li l-prattikanti ma kinux familjari magħhom qabel, jista' jkun ikkumplikat u jieħu l-ħin. Barra minn hekk, it-traduzzjoni tagħhom b'għadd ta' spazji għal test f'forma libera jista' jagħmel il-proċedura għalja. Il-format elettroniku mistenni jiffaċilita l-mili ta' dawn il-formoli u jnaqqas it-test għat-traduzzjoni, filwaqt li l-linji gwida jiżguraw il-mili konsistenti tal-formola tal-OIE.

Kif mitlub mill-Kunsill fil-Konklużjonijiet tiegħu ta' Ġunju 2016, bħalissa, il-Kummissjoni Ewropea qed taħdem, flimkien mal-Istati Membri, fuq l-iżvilupp ta' portal online sikur għat-talbiet u r-risponsi elettroniċi dwar il-provi u l-proċeduri korrispondenti, biex jiżdied l-użu effiċjenti ta' formoli standardizzati u tiġi ffaċilitata l-kooperazzjoni ġudizzjarja transfruntiera b'rabta ma' proċedimenti f'materji kriminali. Il-portal jinkorpora l-elementi l-ġodda introdotti mill-verżjoni elettronika tal-formoli, kif ukoll il-linji gwida. Il-verżjoni elettronika tal-formoli hija partikolarment mistennija li taqdi l-ħtiġijiet tal-prattikanti matul il-perjodu tranżitorju sakemm il-portal ikun lest biex jintuża.

Sabiex jiġi ffaċilitat aktar ix-xogħol ta' kuljum tal-prattikanti, huwa maħsub li l-verżjoni elettronika tal-formoli u l-linji gwida jkunu disponibbli fi 23 lingwa tal-UE.

Dawn se jkunu disponibbli fis-sit web tan-Netwerk Ġudizzjarju Ewropew għall-awtoritajiet nazzjonali biex jintużaw fuq bażi volontarja.

**Il-verżjoni elettronika tal-formoli u l-linji gwida ma għandhom l-ebda impatt fuq il-kontenut sostantiv tad-Direttiva, u ma għandhom l-ebda effett leġiżlattiv. L-użu tal-verżjoni elettronika tal-formoli mill-awtoritajiet nazzjonali rispettivi huwa strettament fuq bażi volontarja. Madankollu, l-Istati Membri huma mħeġġa jippromwovu l-użu tagħhom billi dawn jiffaċilitaw il-mekkaniżmu għall-eżekuzzjoni ta' miżuri investigattivi transfruntiera kif stabbilit mid-Direttiva u jwasslu biex jitnaqqas il-piż finanzjarju u amministrattiv marbut mal-proċedura.**

## LINJI GWIDA DWAR KIF GĦANDHA TIMTELA IL-FORMOLA TAL-ORDNI TA' INVESTIGAZZJONI EWROPEW (OIE)

Dan l-OIE inħareġ minn awtorità kompetenti. L-awtorità emittenti tiċċertifika li l-ħruġ ta' dan l-OIE huwa neċessarju u proporzjonat għall-fini tal-proċedimenti speċifikati fiha b'kont meħud tad-drittijiet tal-persuna suspettata jew akkużata u li l-miżuri investigattivi mitluba setgħu ġew ordnati taħt l-istess kondizzjonijiet f'każ domestiku simili. Jiena nitlob li l-miżura jew miżuri investigattivi speċifikati hawn taħt jiġu eżegwiti b'kont debitament meħud tal-kunfidenzjalità tal-investigazzjoni u li l-provi li jinkisbu b'riżultat tal-eżekuzzjoni tal-OIE jiġu ttrasferiti.

- ***Jenħtieġ li l-OIE jintgħażel meta l-eżekuzzjoni ta' miżura investigattiva tkun tidher proporzjonata, adegwata u applikabbli għall-każ inkwistjoni. Għalhekk jenħtieġ li l-awtorità emittenti taċċerta jekk il-miżura investigattiva magħżula hijiex meħtieġa u proporzjonata għall-ġbir tal-provi kkonċernati.***
- ***Xi drabi jista' jkun aktar effikaċi li tuża l-kooperazzjoni bejn il-pulizija qabel ma jinħareġ l-OIE, pereżempju, billi tinħoloq twissija fis-SIS biex jinstabu jew jiġu llokalizzati l-oġġetti mixtieqa bħala provi fi proċedimenti kriminali (bħal vetturi, karti tal-identità, karti ta' kreditu, jew pjanċi tal-vetturi, eċċ.) jew biex jinstab il-post tar-residenza jew tad-domiċilju ta' persuni mfittxin biex jassistu fi proċeduri ġudizzjarji kriminali (bħal xhieda).***
- ***Ta' min jinnota li d-Danimarka u l-Irlanda ma jipparteċipawx fl-OIE.***
- ***Ikkonsulta s-sit tan-NĠE biex issib notifiki magħmulin mill-Istati Membri (fil-Librerija Ġudizzjarja), kif ukoll l-awtorità ta' eżekuzzjoni kompetenti għall-OIE tiegħek (fl-Atlas Ġudizzjarju).***
- ***Għal aktar informazzjoni, jista' jkun utli li tikkuntattja l-Punt(i) ta' Kuntatt Nazzjonali tan-NĠE tiegħek jew li tikkuntattja direttament lill-punt ta' kuntatt tan-NĠE fl-istat ta' eżekuzzjoni, pereżempju għall-identifikazzjoni u biex jiġu stabbiliti kuntatti diretti mal-awtorità ta' eżekuzzjoni, jew biex tinkiseb informazzjoni legali u prattika dwar l-eżekuzzjoni ta' miżuri investigattivi differenti. Għal parir dwar il-ġbir ta' evidenza elettronika, tista' tikkuntattja lill-membru tiegħek tan-Netwerk Ġudizzjarju Ewropew kontra ċ-Ċiberkriminalità (NĠEĊ).***
- ***Meta jiġi abbozzat OIE, huwa rrakkomandat li tintuża l-verżjoni PDF tal-formola tal-OIE li tista' tiġi editjata u li tinsab fis-sit tan-Netwerk Ġudizzjarju Ewropew (NĠE)[4] jew l-għodda Compendium tan-NĠE. L-użu ta' dawn l-għodod elettroniċi jippreżenta l-vantaġġ li l-mili tal-formola ikun faċli daqslikieku kien f'format Word, iżda b'bosta features moderni u faċli għall-utent, bħall-kisba immedjata tat-test statiku tal-formola bil-lingwa/i aċċettata/i mill-Istat ta' eżekuzzjoni, jew l-għażla minn lista predefinita ta' miżuri investigattivi "tradizzjonali".***
- ***Huwa rakkomandabbli li tniżżel il-verżjoni PDF tal-formola tal-OIE li tista' tiġi editjata fil-lingwa (tiegħek) tal-awtorità emittenti, kif ukoll f'lingwi oħra, u li żżommha fuq il-kompjuter tiegħek stess, f'każ li ma jkunx hemm aċċess għas-sit tan-NĠE f'każijiet urġenti.***
- ***Barra minn hekk, il-formoli stabbiliti fl-Annessi B u C tad-Direttiva tal-OIE jinsabu fis-sit tan-NĠE f'verżjonijiet PDF li tista' tiġi editjata.***
- ***Imla l-formola bil-lingwa tiegħek bil-kompjuter (mhux bil-kitba ta' jdejk).***
- ***Uża sentenzi qosra u sempliċi li jistgħu jiġu tradotti faċilment.***
- ***Biex titjieb il-leġġibilità tal-formola, it-test li ddaħħal u l-kaxxi mmarkati agħmilhom "b'tipa grassa".***

[4] https://www.ejn-crimjust.europa.eu/ejn/EJN_Home.aspx?l=MT&

- ***Jekk kaxxa ma tkunx rilevanti, ħalliha vojta jew ikteb "mhux applikabbli" ("N/A") jew indika b'mod ċar li ma tkunx tapplika, pereżempju permezz ta' marka speċifika (eż.: — ). Qatt ma tista' tħassar kaxxa, iżżid kaxxa jew b'xi mod tibdel il-formola tal-OIE.***

TAQSIMA A

- ***Dejjem obbligatorju li timtela.***

Stat Emittenti:
……………………………………………………………………………………………

Stat ta' Eżekuzzjoni:
…………………………………………………………………………………………

TAQSIMA B: **Urġenza**

- ***Imla biss, jekk hemm limitu ta' żmien iqsar minn dak indikat iktar 'l isfel jew jekk hemm bżonn ta' limitu ta' żmien speċifiku.***
- ***Id-Direttiva dwar l-OIE tistabbilixxi l-limiti ta' żmien li ġejjin:***
  - ***30 jum biex tittieħed deċiżjoni dwar ir-rikonoxximent jew l-eżekuzzjoni ta' OIE (l-Artikolu 12(3));***
  - ***90 jum biex jitwettqu miżuri investigattivi wara t-teħid tad-deċiżjoni msemmija hawn fuq (l-Artikolu 12(4));***
  - ***24 siegħa, meta jkun prattikabbli, għal deċiżjoni dwar miżura proviżorja wara li tkun wasal OIE (l-Artikolu 32(2)).***
- ***Indika r-raġunijiet għal dan. Dawn ir-raġunijiet jistgħu, pereżempju, jinkludu: suspettat/akkużat li qed jinżamm taħt kustodja; dati tas-seduti li qed joqorbu; riskju immedjat għall-ħajja/saħħa; terminu għall-miżuri preliminari li se jiskadi; il-preservazzjoni ta' provi elettronika li waslu biex jiskadu; il-ħtieġa ta' koordinazzjoni ma' talbiet oħrajn u/jew ma' miżuri nazzjonali oħrajn; termini preskrittivi (il-preskrizzjoni); eċċ.***
- ***Fil-verżjoni PDF li tista' tiġi editjata, uża l-ispazju għal test f'forma libera jew funzjonalità addizzjonali b'entrati tat-test predefiniti għall-urġenza.***
- ***Jekk tintalab miżura provviżorja, ma jkunx biżżejjed li timmarka "il-provi qed jinħbew jew jinqerdu" iżda trid timmarka wkoll il-kaxxa "Miżura/i proviżorja/i biex tiġi evitata l-qerda, it-trasformazzjoni, iċ-ċaqliq, it-trasferiment jew ir-rimi ta' oġġett li jista' jintuża bħala prova" fl-aħħar tat-taqsima C.***
- ***Kull meta jkun possibbli, ipprovdi d-data tal-iskadenza, li jeħtieġ li tiġi osservata, inkluża indikazzjoni tal-ħin, jekk ikun meħtieġ. Meta din l-iskadenza ma tkunx tista' tiġi indikata, ipprovdi biżżejjed informazzjoni biex tispjega l-urġenza.***
- ***Għat-trażmissjoni ta' OIE urġenti, wieħed jaf ikun jixtieq l-assistenza ta' Membru Nazzjonali tal-Eurojust jew Punt ta' Kuntatt tan-NĠE.***
- ***OIE urġenti jista' jiġi trażmess ukoll permezz ta' kanal tal-pulizija (eż. l-Uffiċċji ta' Kollegament tal-Europol, Interpol NCB, Uffiċjali ta' Kollegament bilaterali). Jenħtieġ li wieħed jevita trażmissjoni parallela permezz ta' kanali (tal-pulizija) differenti. Jekk***

***trażmissjoni parallela ma tkunx tista' assolutament tiġi evitata, jenħtieġ li dan il-fatt jiġi indikat flimkien ma' indikazzjoni tal-awtoritajiet differenti tal-OIE li tkun qed tintbagħtilhom).***

Jekk jogħġbok indika jekk hemmx xi urġenza minħabba

☐ Evidenza moħbija jew meqruda

☐ Data tas-smigħ imminenti

☐ Kull raġuni oħra

Jekk jogħġbok speċifika hawn taħt:

Skadenzi għall-eżekuzzjoni tal-OIE huma stabbiliti fid-Direttiva 2014/41/UE. Madankollu, jekk ikun meħtieġ limitu taż-żmien iqsar jew speċifiku, jekk jogħġbok ipprovdi d-data u spjega r-raġuni għal din:

……………………………………………………………………………………………………
……………………………………………………………………………………………………
………………………………………………………………………………………………

TAQSIMA C: Miżura jew miżuri investigattivi li għandhom jiġu eżegwiti

- ***Dejjem obbligatorju li timtela.***
- ***Dejjem iddeskrivi l-miżura investigattiva/ta' assistenza meħtieġa fl-ispazju għal test liberu u, jekk ikun applikabbli, immarka l-kaxxa/i rilevanti mil-lista ta' miżuri investigattivi.***
- ***OIE (waħda) tista' tinħareġ biex jitwettqu bosta miżuri investigattivi. Għadd ta' miżuri separati fit-taqsimiet rilevanti kollha tal-formola. Jekk tintalab l-eżekuzzjoni ta' aktar minn miżura investigattiva waħda u tkun responsabbli aktar minn awtorità ta' eżekuzzjoni waħda għall-eżekuzzjoni tagħha, jew oħroġ OIE separati għal kull awtorità ta' eżekuzzjoni jew oħroġ OIE waħda. Jekk tinħareġ OIE waħda, uri d-differenza bejn il-kompetenzi fl-OIE u ibgħat kopja tal-OIE lil kull awtorità ta' eżekuzzjoni kkonċernata.***
- ***Jenħtieġ li l-OIE tkun tkopri kwalunkwe miżura investigattiva biex jinkisbu provi li setgħu ġew ordnati bl-istess kundizzjonijiet f'każ domestiku simili.***
- ***Madankollu, l-OIE ma japplikax:***
  - *għat-twaqqif ta' skwadra ta' investigazzjoni konġunta u l-ġbir ta' provi f'dik l-iskwadra (l-Artikolu 3, il-premessa 8);*
  - *għas-sorveljanza transfruntiera msemmija fil-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen (il-premessa 9);*
  - *għall-miżuri provviżorji bil-ħsieb ta' konfiska (l-Artikolu 32, il-premessa 34);*
  - *għat-trasferiment ta' persuna lejn Stat Membru ieħor għall-finijiet ta' prosekuzzjoni, inkluż li dik il-persuna titressaq quddiem qorti biex tgħaddi minn proċess li jkun jenħtieġ li jinħareġ Mandat ta' Arrest Ewropew (MAE) għalih (il-premessa 25).*
- ***Jenħtieġ li t-talbiet għal informazzjoni dwar kundanni preċedenti jsiru permezz tal-ECRIS (is-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali).***
- ***Jenħtieġ li d-dokumenti proċedurali jintbagħtu direttament lill-persuna bil-posta (l-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni UE 2000) jew jistgħu jiġu nnotifikati mill-awtoritajiet kompetenti bl-użu ta' talba ta' MLA. Meta f'każ partikolari, in-notifika ta' dokument tkun parti mill-miżura investigattiva mitluba fl-OIE, pereżempju, seduta ta' smigħ, l-użu tal-OIE għal assistenza għan-notifika ta' dokument tista' titqies xierqa.***
- ***Fil-verżjoni pdf li tista' tiġi editjata, inżdiedet lista tal-aktar miżuri investigattivi "tradizzjonali" komuni għal din it-taqsima. Mhux obbligatorju li timmarka l-kaxxi f'din il-lista iżda dam jista' jippermetti lill-awtorità ta' eżekuzzjoni tidentifika l-assistenza mitluba iktar faċilment.***
- ***Għal ċerti tipi ta' miżuri investigattivi, jenħtieġ li timtela t-Taqsima (H)(1-7) ukoll biex tiġi pprovduta informazzjoni addizzjonali meħtieġa f'din it-taqsima.***
- ***Sa kemm ikun possibbli, jenħtieġ li l-informazzjoni li tiġi pprovduta fit-taqsimiet (E), (H) u (I) ma tkunx inkluża fit-taqsima (C), b'mod partikolari, jenħtieġ li d-dettalji ta' kwalunkwe proċedura/formalità speċjali li trid tiġi segwita jiġu indikati fit-taqsima (I), u jenħtieġ li l-indirizz sħiħ jew id-deskrizzjoni preċiża ta' kwalunkwe post jew persuna li trid tiġi mfittxa jiġu speċifikati fit-taqsima (E).***
- ***Ipprovdi biżżejjed informazzjoni biex tidentifika l-provi mixtieqa, pereżempju meta titlob għal identifikazzjoni ta' persuna li għandha indirizz IP, agħti d-dettalji dwar it-tip ta' informazzjoni meħtieġa, indika l-indirizz IP, id-data u l-ħin tal-użu, l-isem u l-indirizz tal-fornitur tas-servizz, l-isem tas-servizz; jew meta titlob tiftixa f'dar jew tiftixa***

*f'bini, ipprovdi deskrizzjoni tal-bini, indika s-sid tal-bini, u r-resident, jekk ma jkunx is-sid, u l-oġġetti li tixtieq li jinstabu.*

- ***Jekk ikun hemm bżonn, b'mod supplimentari għat-taqsima (K) (dettalji ta' kuntatt tal-persuna/i biex isiru arranġamenti prattiċi għat-trasferiment tal-provi), indika l-mezzi jew il-kanali li tippreferi biex jintbagħtu l-provi miġbura jew il-kopji bil-quddiem.***

- ***Meta jintalab trasferiment temporanju ta' persuna, b'mod supplimentari għat-taqsima (H)(1), indika:***
  - ***il-fini tat-trasferiment (pereżempju, xhud, konfrontazzjoni);***
  - ***id-dati ta' meta dik il-persuna trid tiġi ttrasferita u mibgħuta lura;***
  - ***informazzjoni dwar il-kundizzjonijiet tal-kustodja;***
  - ***fit-taqsima (K): id-dettalji ta' kuntatt tal-awtorità responsabbli biex tagħmel l-arranġamenti prattiċi għat-trasferiment.***

- ***Meta jintalab is-smigħ ta' persuna, ipprovdi:***
  - ***informazzjoni suffiċjenti dwar il-fini tas-smigħ, pereżempju billi tipprovdi lista tal-mistoqsijiet li jridu jintalbu f'dokument mehmuż (b'mod partikolari meta l-lista tkun estensiva) jew skont din it-taqsima;***
  - ***spjegazzjoni li jenħtieġ li mistoqsijiet oħrajn li jqumu matul is-seduta ta' smigħ isiru wkoll;***
  - ***fit-taqsima (I)(1): meta jkun applikabbli, id-dettalji ta' kwalunkwe proċedura/formalità speċjali li trid tiġi segwita, pereżempju, (1) smigħ taħt ġurament; (2) il-parteċipazzjoni ta' persuni kkonċernati oħrajn, bħal min ikollu r-responsabbiltà tal-ġenituri; (3) smigħ li jrid jitwettaq minn awtorità partikolari tal-Istat ta' eżekuzzjoni; (4) informazzjoni dwar id-drittijiet u l-obbligi li jridu jiġu nnotifikati lill-persuna li trid tinstema' bħad-dritt li tkun assistita minn avukat/interpretu (jekk ikun meħtieġ li dik l-informazzjoni tingħata lill-persuna, bħal f'każ meta tkun meħtieġa l-firma tal-persuna fuq il-lista tad-drittijiet biex isservi ta' prova fl-Istat emittenti li n-notifika saret kif xieraq, huwa rakkomandabbli li tehmiżha mal-OIE); (5) informazzjoni dwar jekk il-persuna li trid tinstema' teħtieġx protezzjoni;***
  - ***fit-taqsima (I)(2): meta jkun applikabbli, jekk l-awtorità emittenti titlobx li jkun preżenti uffiċjal jew iktar tal-Istat emittenti waqt is-smigħ.***

- ***Meta jintalab smigħ permezz ta' vidjokonferenza, b'mod supplimentari għal din it-taqsima, ipprovdi:***
  - ***fit-taqsima (H)(2): isem l-awtorità li se tmexxi s-smigħ, inklużi d-dettalji ta' kuntatt u l-lingwa, ir-raġunijiet għala qed tintalab din il-miżura, u l-informazzjoni dwar jekk ingħatax il-kunsens tal-persuna suspettata jew akkużata għat-twettiq ta' din il-miżura;***
  - ***fit-taqsima (I)(1): meta jkun applikabbli, id-dettalji ta' kwalunkwe proċedura/formalità speċjali li trid tiġi segwita, pereżempju, (1) informazzjoni dwar id-drittijiet u l-obbligi li jridu jiġu nnotifikati lill-persuna li trid tinstema', bħad-dritt li tkun assistita minn avukat/interpretu; (2) informazzjoni dwar jekk il-persuna li trid tinstema' teħtieġx protezzjoni; (3) smigħ taħt ġurament; (4) il-parteċipazzjoni ta' partijiet ikkonċernati oħrajn, bħal min ikollu r-responsabbiltà tal-ġenituri; (5) smigħ li jrid jitwettaq minn awtorità partikolari tal-Istat ta'***

***eżekuzzjoni.***

- ***Meta tintalab <u>l-interċettazzjoni tat-telekomunikazzjonijiet</u>:***

  - ***indika l-istatus tal-persuna li jenħtieġ li l-komunikazzjonijiet tagħha jiġu interċettati, pereżempju persuna suspettata, xhud, vittma jew persuna li x'aktarx tkun f'kuntatt mal-persuna suspettata, f'każ li din l-informazzjoni ma tkunx inkluża fit-taqsima (E). Din l-informazzjoni tista' tkun essenzjali biex jiġi ddeterminat jekk il-miżura investigattiva tistax tiġi awtorizzata f'każ domestiku simili;***

  - ***fit-taqsima (H)(7): ipprovdi r-raġunijiet, għala l-miżura hija rilevanti għall-proċedimenti kriminali; informazzjoni biex jiġi identifikat is-suġġett tal-interċettazzjoni; it-tul taż-żmien mixtieq; informazzjoni teknika u preferenza rigward il-metodu ta' eżekuzzjoni.***

Iddeskrivi l-assistenza/il-miżura jew miżuri investigattivi rikjesta/i U indika, jekk applikabbli, jekk hijiex waħda mill-miżuri investigattivi li ġejjin:

..........................................................................................................................................

..........................................................................................................................................

..........................................................................................................................................

..........................................................................................................................................

..........................................................................................................................................

..........................................................................................................................................

..........................................................................................................................................

☐ Ksib ta' informazzjoni jew evidenza li tkun diġà fil-pussess tal-awtorità ta' eżekuzzjoni

☐ Ksib ta' informazzjoni li tinsab fid-databases miżmuma mill-pulizija jew mill-awtoritajiet ġudizzjarji

☐ Smigħ

- ☐ xhud
- ☐ espert
- ☐ persuna suspettata jew akkużata
- ☐ vittma
- ☐ parti terza

☐ Identifikazzjoni ta' persuni li għandhom abbonament ta' numru tat-telefown jew indirizz IP speċifiku

☐ Trasferiment temporanju ta' persuna miżmuma f'kustodja lejn l-Istat emittenti

☐ Trasferiment temporanju ta' persuna miżmuma f'kustodja lejn l-Istat ta' eżekuzzjoni

☐ Smigħ permezz ta' vidjokonferenza jew trażmissjoni awdjoviżiva oħra

- ☐ xhud
- ☐ espert
- ☐ persuna suspettata jew akkużata

☐ Smigħ permezz ta' konferenza telefonika

- ☐ xhud
- ☐ espert

☐ Informazzjoni dwar kontijiet bankarji u finanzjarji oħra

☐ Informazzjoni dwar operazzjonijiet bankarji u finanzjarji oħra

☐ Miżura investigattiva li timplika l-ġbir ta' evidenza fi żmien reali, kontinwament u matul ċertu perijodu ta' żmien

- ☐ monitoraġġ ta' operazzjonijiet bankarji jew finanzjarji oħra
- ☐ konsenji kkontrollati
- ☐ oħrajn

☐ Investigazzjonijiet sigrieti

☐ Interċettazzjoni ta' telekomunikazzjonijiet

☐ Miżura jew miżuri provviżorji għall-prevenzjoni tal-qerda, it-trasformazzjoni, iċ-ċaqliq, it-trasferiment jew ir-rimi ta' oġġett li jista' jintuża bħala evidenza

TAQSIMA D: Relazzjoni ma' OIE preċedenti

- ***Imla biss jekk ikun applikabbli.***
- ***Uża din it-taqsima biex tindika r-relazzjoni ma' OIE preċedenti, indirizzata jew lill-Istat ta' eżekuzzjoni, li l-OIE attwali jissupplimenta, jew lil Stat Membru ieħor fl-istess każ.***
- ***Jekk ikun rilevanti, din it-taqsima tista' tintuża wkoll biex tindika jekk, fl-istess każ, intbagħtux OIE paralleli lil bosta awtoritajiet ta' eżekuzzjoni fl-istess Stat Membru jew lil Stati Membri differenti. Għal dan l-għan, huwa rakkomandabbli li tindika d-data tal-ħruġ tal-OIE, l-awtorità li ġie trażmess lilha, it-tip ta' miżura investigattiva mitluba u jekk ġiex ikkuntattjat il-Membru Nazzjonali tal-Eurojust jew il-Punt ta' Kuntatt tan-NĠE.***
- ***Meta tkun tista' tiffaċilita l-azzjoni tal-awtorità ta' eżekuzzjoni, huwa rrakkomandat li f'din it-taqsima tindika r-relazzjoni mal-MAE, ordni ta' ffriżar/konfiska, MLA jew talba oħra mibgħuta fl-istess każ.***
- ***Fil-verżjoni PDF li tista' tiġi editjata, din it-taqsima tista' timtela jew billi jintużaw l-ispazji għal test f'forma libera jew il-funzjonalità addizzjonali b'entrati tat-test predefiniti.***

Indika jekk dan l-OIE jissupplimentax OIE preċedenti. Jekk applikabbli, agħti informazzjoni rilevanti li tidentifika l-OIE preċedenti (id-data tal-ħruġ tal-OIE, l-awtorità li lilha ġiet trażmessa u, jekk disponibbli, id-data tat-trażmissjoni tal-OIE, u n-numri ta' referenza mogħtija mill-awtoritajiet emittenti u ta' eżekuzzjoni);

..............................................................................................................................................

..............................................................................................................................................

Jekk rilevanti jekk jogħġbok indika jekk l-OIE kienx diġà indirizzat lil Stat Membru ieħor fl-istess każ:

..............................................................................................................................................

..............................................................................................................................................

TAQSIMA E: Identità tal-persuna kkonċernata

- ***Dejjem obbligatorja li timtela, ħlief meta l-identità tal-persuna ma tkunx magħrufa jew jekk il-miżura ma tkunx tikkonċerna persuna. F'dan il-każ tal-aħħar, madankollu, indika l-persuna suspettata/akkużata fit-taqsima G. Imla l-ispazji kollha, jekk l-informazzjoni hija disponibbli.***
- ***Agħti d-dettalji tal-persuna fiżika jew ġuridika kkonċernata mill-miżura investigattiva, inkluż ir-rwol tagħha fil-proċedimenti. Barra minn hekk, uża t-taqsima (G) biex tipprovdi informazzjoni dwar persuni oħrajn, jekk ikun meħtieġ, pereżempju, meta titlob is-smigħ ta' xhud, informazzjoni dwar ix-xhud jenħtieġ li tingħata fit-taqsima (E) filwaqt li d-dettalji dwar persuna suspettata — fit-taqsima (G).***
- ***Meta jkun hemm aktar minn persuna waħda kkonċernata, ipprovdi d-dettalji għalihom kollha, inkluż ir-rwol tagħhom fil-proċedimenti. Hemm funzjonalità fil-verżjoni pdf li tista' tiġi editjata li tippermetti ż-żieda (u t-tneħħija) ta' diversi persuni kkonċernati, inkluża l-possibbiltà li tindika r-rwol fil-proċedimenti għal kull waħda minnhom.***
- ***Meta tagħti d-dettalji dwar il-persuna fiżika:***
  - ***"l-Isem": ikteb l-isem kif inhu fil-lingwa nazzjonali, l-isem m'għandux jiġi tradott, inkludi l-isem uffiċjali preċedenti, jekk ikun magħruf, kun ċert li l-ordni hija korretta, li m'intix qed tiddikjara bħala l-kunjom dak li hu l-ewwel isem u erġa' vverifika f'każ li jkun hemm żewġ persuni jew aktar b'ismijiet simili fl-istess fajl;***
  - ***"Psewdonimi, jekk ikun applikabbli": inkludi ismijiet foloz, il-laqmijiet indikahom fil-parentesi. Jekk il-persuna tuża identità falza, jenħtieġ li din l-identità falza tiddaħħal fl-ispazji kollha, eż. id-data tat-twelid il-falza u l-indirizz il-falz;***
  - ***"Nazzjonalità": f'każ ta' aktar minn nazzjonalità waħda, indikahom kollha.***
- ***Agħti l-indirizz eżatt u informazzjoni rilevanti oħra dwar il-post fejn trid titwettaq il-miżura investigattiva.***
- ***Meta jkun xieraq, inkludi informazzjoni addizzjonali li tista' tassisti lill-awtorità ta' eżekuzzjoni, bħal, pereżempju, id-dettalji ta' kuntatt tal-persuna kkonċernata.***

1. Niżżel l-informazzjoni kollha, magħrufa, rigward l-identità tal-persuna/i (i) fiżika/fiżiċi jew (ii) ġuridika/ġuridiċi kkonċernata/i mill-miżura investigattiva (jekk aktar minn persuna waħda hija kkonċernata, jekk jogħġbok agħti l-informazzjoni dwar kull persuna):

(i) Fil-każ ta' persuna/i fiżika/fiżiċi

Isem: ..........................................................................................................................

Isem/ismijiet: ...............................................................................................................

Isem/ismijiet rilevanti oħra, jekk applikabbli: ...........................................................

Psewdonimi, jekk applikabbli: ....................................................................................

Sess: ..........................................................................................................................

Ċittadinanza: ...............................................................................................................

Numru tal-identità jew numru tas-sigurtà soċjali: ......................................................

Tip u numru tad-dokument(i) tal-identità (karta tal-identità, passaport), jekk disponibbli:

.....................................................................................................................................................

Data tat-twelid: .......................................................................................................................................

Post tat-twelid: .........................................................................................................................................

Residenza u/jew indirizz magħruf; jekk l-indirizz mhux magħruf, niżżel l-aħħar indirizz magħruf:

.....................................................................................................................................................

Lingwa/i li l-persuna tifhem:

.....................................................................................................................................................

(ii) Fil-każ ta' persuna/i ġuridika/ġuridiċi

Isem: ..........................................................................................................................................

Għamla ta' persuna ġuridika: ..........................................................................................................

Isem imqassar, isem ta' użu komuni jew isem kummerċjali, jekk applikabbli:

..........................................................................................................................................................

